Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1354/2010

**Integrated Project Solutions Limited**

**Vs**

**Pierre u Paul konjugi Balzan u b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 2011 giet imsejjha fil-kawza Melita Marine Limited**

1 ta' Dicembru, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenuti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' tlett elef mitejn u erba' u hamsin ewro (€3,245), hlas ghal servizzi professjonali fir-rigward tal-fond 11, Triq il-Komunikazzjoni, San Pawl tat-Targa.

2. B'sentenza tat-30 ta' Settembru, 2015 din il-qorti cahdet appell tal-konvenuti Balzan minn sentenza preliminari tat-Tribunal tal-11 ta' Jannar 2013 li cahad l-eccezzjoni preliminari li l-konjugi Balzan mhumiex legittimi kontradittturi.

3. Fl-1 ta' Frar, 2016 il-konvenuti Balzan ipprezenta eccezzjoni ulterjuri li taqra:

   *"illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpannija attrici naqset mid-dmirijiet ta' sorveljanza ta' xoghlijiet difettuzi maghmula minn terzi (senjatament Victor Gauci (k.i. 461568M) u VG Shutter and Concrete Works Ltd (C21877) fil-fond fejn il-kumpannija attrici kellha l-inkarigi taghha dwar xoghol ta' project management, ghal liema nuqqasijiet min-naha attrici l-konvenuti baghtew spejjez ta' xoghol rimedjali li ssuperaw s-sorte pretiza fil-konfront taghhom f'din il-procedura, biex b'daqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija attrici fuq il-bazi tal-ekwita ghat-tenur tal-artikolu sebgha (7)(1) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta".*

4. B'sentenza tad-29 ta' Frar, 2016 it-Tribunal iddecieda:

   *"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta kjamata in kawza kif ukoll l-eccezzjoni fil-mertu, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €3,245, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali u cjoe' mill-14 ta' Lulju, 2010 (a fol. 91). L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuti".*

5. Mis-sentenza appellaw il-konjugi Balzan, fejn ilmentaw li:

*"…. fil-kaz odjern dan it-Tribunal naqas milli jinterpreta u japplika korrettament il-kuncett tal-ekwita favur l-appellanti stante li, ghall-fattispecjie ta' dan il-kaz partikolari, il-ligi qed tonqos wisq evidentement….*

*Fil-kaz odjern, in-nuqqas tal-appellata jirrizulta fid-dmirijiet ta' sorveljanza ta' xogholijiet, liema xogholijiet saru difettuzi minn terzi fil-fond fejn l-appellata kellha l-inkarigi taghha dwar xoghol ta' project management. Dawn l-inkarigi kienu fil-fatt hekk ukoll ikkonfermati mill-Perit Falzon fir-rapport tieghu a fol. 136, fejn huwa stqarr li hu ghan-nom tal-appellata kellu jaghti struzzjonijiet u japprova x-xoghol tal-istess terzi fost inkarigi ohra. Sahansitra wkoll anke waqt ix-xhieda tieghu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), l-istess Perit Falzon ikkonferma li x-xoghlijiet li kienu saru taht is-supervizjoni tieghu kienu saru hazin. Ghalhekk minhabba dawn in-nuqqasijiet ta' sorveljanza minn naha tal-appellata, l-appellanti kellhom ibatu spejjez ta' xoghol rimedjali li ssuperaw grossolanament is-sorte pretiza fil-konfront taghhom f'din il-procedura. Isegwi wkoll li dwar dawn ix-xogholijiet rimedjali – ukoll sorveljati mill-appellata – ma huwiex ekwu u b'daqstant gust li l-appellata tithallas ukoll, kuntrarjament ghal dak li qed tippretendi l-appellata f'din il-kawza".*

6. Is-socjeta appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

7. Il-qorti qrat l-atti u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri.

8. Jirrizulta li l-perit Chris Falzon kien fl-20 ta' Ottubru, 2009 hareg rapport fejn ta rendikont tax-xoghol hazin li fil-fehma tieghu sar fil-proprjeta tal-konvenut Balzan. Kuntrattur li kien inkarigat minn Balzan. Il-konvenut jsostnu li l-perit Falzon kellu r-responsabbilta li jizgura li l-kuntrattur jaghmel xoghol skont is-sengha. Gialadarba l-perit stess iccertifika li dan ma sarx, ifisser li l-attrici ma wettqitx xogholha sew u ghaldaqstant m'ghandhiex jedd tippretendi hlas.

9. Il-qorti ma tifhimx kif l-appellanti jippretendu li d-difiza taghhom kellha tintlaqa, meta tqies il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward jirrizulta li:

   i. Fl-20 ta' Ottubru, 2009 il-perit Falzon hareg rapport dwar ix-xoghol difettuz li sar mill-kuntrattur;
   ii. Fit-8 ta' Novembru, 2009 l-attrici harget il-kont ghall-hlas ta' €3,245;
   iii. F'email datata 15 ta' Dicembru, 2009 li l-perit Falzon baghat lill-konvenut, kiteb: *"Now that the works are complete (except for balcony quotation, which I am constantly chasing), I would really appreciate it*

*if you would settle account if you can. I still haven't paid Simon or any of my other bills on the work".* Dakinhar stess il-konvenut wiegeb: *"Chris, Sorry for the delay.* ***We will settle this week****. Re report OK as I want to proceed against Victor Gauci".*

iv. Fis-7 ta' Frar, 2010 il-konvenut baghat email lil martu fejn qalilha, *"Tell him to meet me, my office Thursday* ***to settle all please****".*

v. Fit-8 ta' Frar, 2010, il-konvenuta baghtet email lill-perit Falzon fejn infurmatu, *"Good morning Chris. Pierre is away and returns Wednesday, he asked me to tell you to meet him at his office on Thursday in the morning* ***to settle all****".*

10. Minn din il-korrispondenza hu evidenti li l-konvenuti Balzan kienu accettaw il-kont li harget l-attrici. Fil-korrispondenza li l-kontendenti baghtu lil xulxin, mhemmx indikazzjoni li l-appellanti kienu qeghdin isostnu li l-attrici ma wettqitx l-obbligi kuntrattwali. Il-korrispondenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq turi obbigazzjoni cara tal-konvenuti li ser ihallsu l-kont. Hu evidenti li l-pretensjoni tal-konvenuti kienet biss fil-konfront tal-kuntrattur u mhux tas-socjeta attrici. Tant hu hekk li f'email datata 21 ta' Novembru, 2009 il-konvenut kiteb lill-perit Falzon:

*"Dear Chris,*

*Thankyou for your email and apologies for late answer as I was travelling. We are satisfied now with the works and the builder Luke managed by Simon and with this in mind we would like to have as soon as possible the final report on all bad workmanship found including certified costs and supporting photos as we will be taking legal action against Victor Gauci to recover the losses on this project due to bad workmanship".*

M'ghandux ikun li zmien wara jipprovaw jirtiraw minn dik l-obbligazzjoni. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li probabbilment kieku l-konvenuti kellhom oggezzjoni dwar ix-xoghol li wettqet l-attrici, ma kinux ripetutament jiddikjaraw li ser ihallsu.

11. Jidher ukoll li:

i. Ghal dak li jirrigwarda x-xoghlijiet li saru mill-attrici f'dan il-progett, kien hareg kont datat 28 ta' April, 2009 ghas-somma ta' €3,003.10 li minnhom fl-24 ta' April, 2009 thallset is-somma ta' €1,500. Sussegwentement fis-16 ta' Frar, 2010 thallas il-bilanc. Il-qorti hi tal-fehma li kieku l-konvenuti kellhom xi pretensjoni kontra l-attrici, ma kinux ser jaqbdu u jhallsu l-bilanc li fadal fuq dak il-kont.

ii. Fil-5 ta' Ottubru, 2009 l-attrici harget stima ghal xoghlijiet li kien ghad fadal x'isir. Il-qorti fehmet li f'dak l-istadju kien hemm diga' l-kwistjoni bejn il-kuntrattur u l-konjugi Balzan, u li l-kuntrattur kien twaqqf milli jkompli bil-progett. Tant hu hekk li wiehed mid-dmirijiet tal-attrici kien, *"6. Supervise structural and* ***finishing repairs to existing works****"*. L-istima kienet ghal €2,750 (mhux inkluz il-VAT) (fol. 123). Stima li dwaru kien hemm ftehim bejn il-kontendenti, tant li x-xoghol twettaq kif jirrizulta mill-email ta' Balzan datata 21 ta' Novembru, 2009. Il-hlas mitlub bil-kont tat-8 ta' Novembru 2009, li hu dak oggett ta' din il-kawza, jikkoncerna dik l-istima. Hu ovvju li kieku ma kienx hemm ftehim bejn il-kontendenti, l-attrici ma kinitx ser twettaq dak ix-xoghol. Gialadarba kien hemm ftehim li l-attrici onorat, il-konvenuti Balzan ghandhom obbligu li jhallsu l-ammnot li ftehmu. L-appellanti ma jistghux jipprovaw jaharbu minn dak li liberament obbligaw ruhhom li ser ihallsu lill-attrici, billi jsostnu li kien hemm nuqqasijiet fis-supervision tal-kuntrattur. Meta sar il-ftehim relatat mal-istima tal-5 ta' Ottubru, 2009, jidher li l-kuntrattur Gauci kien diga' twaqqaf u dik l-istima wasslet ghal ftehim gdid bejn il-kontendenti. Xoghol li l-attrici wettqet u li dwaru ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-attrici.

12. L-appellanti ghamlu wkoll riferenza ghal kuncett tal-ekwita. Pero' l-kawzi jridu jigu decizi a bazi tal-provi u f'dan il-kaz il-provi jikkonfermaw li t-talba tal-attrici hu altru milli gustifikata. Meqjusa l-konsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq, ir-riferenza ghal kuncett ta' arrikkiment ingust li l-konvenuti rreferew ghalih fir-rikors tal-appell, hu ghal kollox barra minn loku.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.